**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**GURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI GENERALI**

**Magistrat Dr. Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta ta' l-Erbgha, 4 ta' Marzu 2020**

**Rikors guramentat numru: 90/2019 BS**

**Teddie Teuma**

**-vs-**

**Direttur Registru Pubbliku**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' Teddie Teuma fejn bil-gurament tieghu kkonferma:

*"Illi l-esponenti twieled ta' Sannat, Ghawdex fit-tmintax (18) ta' Novembru tal-elf disa' mija disgha u hamsin (1959) u dan it-twelid gie debitament registrat bin-numru ta' iskrizzjoni sitt mija tnejn u tletin tas-sena elf disa' mija disgha u hamsin (632/1959) (Dokument A);*

*Illi fuq l-Att tat-Twelid, fis-sezzjoni 'Ismijiet moghtijin', l-esponenti nghata l-isem ta' Guda Taddew, Angelo, Francis Xavier u dan hekk kif jidher mill-att tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dokument A;*

*Illi fuq l-Att tat-Twelid ukoll, fis-sezzjoni 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha nghata l-isem ta' 'Teddie' u dan hekk kif jidher ukoll mill-att tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dokument A;*

*Illi l-esponenti ilu hajtu kollha juza l-isem 'Teddie' bhala l-isem li bih jigi msejjah u hu maghruf u ilu konsistentement imsejjah u maghruf bl-isem 'Teddie' anke mill-familja tieghu u kif ukoll minn qraba, hbieb u konoxxenzi tieghu sahansitra li huwa dejjem iffirma ismu bhala 'Teddie'. Mill-banda l-ohra huwa qatt m'uza l-isem ta' Guda Taddew u hadd mill-konoxxenti tieghu ma jsejjahlu b'dak l-isem;*

*Illi dan jirrizulta ukoll mic-certifikat taz-Zwieg tal-Parrocca bejn Teddie Teuma u Mary Micallef li gie ccelebrat nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu tal-elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) fil-Parrocca tal-Gharb, Ghawdex hawn anness u mmarkat bhala Dokument B;*

*Illi dan huwa kkorroborat ukoll mill-Att taz-zwieg tal-attur bin-numru ta' iskrizzjoni mija u disgha u erbghin tas-sena elf disa' mija tlieta u tmenin (149/1983) hawn anness u mmarkat bhala Dokument C;*

*Illi di piu' l-kunjom tal-attur huwa 'Teuma' dana kif jirrizulta bic-car mill-att tat-twelid bin-numru ta' iskrizzjoni sitta u ghoxrin tas-sena elf disgha mija tlieta u tletin (26/1933) ta' missier l-attur Clement Teuma hawn anness u mmarkat bhala Dokument D;*

*Illi dan jirrizulta wkoll mic-certifikat tal-Maghmudija ta' Teddie Teuma gewwa l-Parrocca ta' Santa Margerita, Sannat, Ghawdex fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tal-elf disa' mija disgha u hamsin (1959) hawn anness u mmarkat bhala Dokument E;*

*Illi l-istess fatt jirrizulta ampjament ukoll mic-certifikat taz-Zwieg tal-Parrocca bejn Teddie Teuma u Mary Micallef li gie ccelebrat nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awwissu tal-elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) fil-Parrocca tal-Gharb, Ghawdex hawn anness u mmarkat bhala Dokument B;*

*Illi jirrizulta pero` illi fl-att tat-twelid tal-attur hawn anness, il-kunjom tal-attur inkiteb bi zball ortografiku u cioe` inkiteb bhala 'Tewma' minflok il-kunjom 'Teuma' u dana kif jirrizulta mid-Dokument (Dokument A);*

*Illi jirrizulta wkoll illi fl-att taz-zwieg tal-attur bin-numru ta' iskrizzjoni mija u disgha u erbghin tas-sena elf disgha mija tlieta u tmenin (149/1983) hawn anness, il-kunjom tal-attur inkiteb bi zball ortografiku u cioe' inkiteb bhala 'Thewma' minflok fil-kunjom 'Teuma' u dana kif jirrizulta mid-Dokument hawn anness u mmarkat bhala Dokument C;*

*Illi jirrizulta li dana huwa zball car li pero` qed iwassal ghal problemi fil-hajja ta' kuljum, ghall-istess Teddie Teuma;*

*Illi din il-procedura qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Talab ghalhekk lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-attur bin-numru ta' iskrizzjoni sitt mija, tnejn u tletin tas-sena elf disa' mija disgha u hamsin (632/1959) billi fil-hames kolonna 'Ismijiet moghtijin', isem l-attur jinbidel minn **Guda Taddew, Angelo, Francis Xavier** ghal **Teddie, Angelo, Francis Xavier** sabiex b'hekk isem u kunjom l-attur jigi jaqra **Teddie Teuma;***

2. *Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-attur bin-numru ta' iskrizzjoni sitt mija, tnejn u tletin tas-sena elf disa' mija disgha u hamsin (632/1959) billi fil-kolonna 'Isem u Kunjom Missier it-tarbija' **'Tewma'** tinbidel u tigi **'Teuma'** b'tali mod li jigi **Clement Teuma**;*

3. *Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-attur bin-numru ta' iskrizzjoni sitt mija, tnejn u tletin tas-sena elf disa' mija disgha u hamsin (632/1959) billi fil-kolonna 'Isem u Kunjom l-Omm' '**Tewma'** tinbidel u tigi **'Teuma'** b'tali mod li tigi **Rose wife of Clement Teuma**;*

4. *Tordna l-korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni mija, disgha u erbghin tas-sena elf disa' mija tlieta u tmenin (149/1983) billi fit-tieni kolonna 'Isem u Kunjom', kunjom l-attur jitranga minn **Teddie Thewma** ghal **Teddie Teuma** sabiex b'hekk isem u kunjom l-attur jigi jaqra **Teddie Teuma**.*

5. *Tordna l-korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni mija, disgha u erbghin tas-sena elf disa' mija tlieta u tmenin (149/1983) billi fis-seba' kolonna 'Isem u Kunjom jekk hajjin jew mejtin' kunjom l-attur jitranga minn **Clement Thewma ghal Clement Teuma** sabiex b'hekk kunjom l-attur jigi jaqra '**Teuma'**;*

6. *Tordna li l-istess korrezzjoni ghandha tigi wkoll riflessa f'kull att ta' status civili mahrug fuq l-istess Teddie Teuma, u dan skont l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *Tordna li l-istess korrezzjoni ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-fatti hawn fuq esposti huma kollha maghrufa lill-esponenti personalment.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunt."*

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Ghawdex illi eccepixxa:

1. *Illi preliminarjament, fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel is smiegh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;*

2. *Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taht l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta mhijiex xi mizura ordinarja li hija miftuha ghall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Ghal kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija mizura straordinarja ghal skopijiet pubblici intiza esklussivament biex telimina mill-imhuh tan-nies kull possibilita' ta' konfuzjoni u dizordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtorizzazzjoni gudizzjali ta' bidla fl-isem m'ghandhiex tigi koncessa ghaliex ir-rikorrenti semplicement tixtieq tbiddel isimha, izda tali awtorizzazzjoni ghandha tinghata biss jekk jirrizulta li din mehtiega assolutament ghall-esigenza pubblika;*

3. *Illi fir-rigward tat-tieni talba ghandu jigi sottolinejat illi ai termini tal-Artikolu 4 tal-Kodici Civili, wild li jitnissel u jkun imwieled fiz-zwieg ghandu jiehu kunjom missieru.*

4. *Illi l-kunjom Teuma' huwa dak il-kunjom li jappartieni lil familja paterna tar-rikorrent u dana ghaliex skont is-segwenti dokumenti l-kunjom tal-familja huwa effettivament 'Teuma':*

   (i) *L-Att tat-Twelid ta' Clemenzio Teuma, missier ir-rikorrent, bin-numru progressiv 26 tas-sena 1933, isem missieru (cioe' n-nannu tar-rikorrent) gie mnizzel bhala 'Emmanuele TEUMA' - Dok. DRP 1;*

   (ii) *L-Att tat-Twelid ta' Emmanuele Teuma, in-nannu patern tar-rikorrent, bin-numru progressiv 426 tas-sena 1910, isem missieru (cioe' il-buznannu tar-rikorrent) gie mnizzel bhala Carlo TEUMA - Dok. DRP 2;*

5. *Illi in vista tas-suespost l-esponenti mhux joggezzjona ghat-talbiet numru 2, 3, 4 u 5 fejn ir-rikorrenti talab li ssir korrezjoni bil-kunjom jinbidel minn 'Tewma' jew "Thewma' ghal "Teuma'.*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat u fid-dokumenti li hemm mehmuza;*

7. *Illi finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti tal-esponenti, u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti pprezentati mir-rikorrent annessi mar-rikors guramentat.

Semghet is-sottomissjonijiet verbali tal-partijiet.

**Il-Provi.**

Ir-rikorrent twieled Sannat, Ghawdex fit-18 ta' Novembru tal-1959 liema twelid gie registrat bin-numru ta' iskrizzjoni sitt mija tnejn u tletin tas-sena elf disa' mija disgha u

hamsin (632/1959)[1]. Fuq dan l-Att tat-Twelid, ir-rikorrent inghata l-isem ta' Guda Taddew, Angelo, Francis Xavier u dan hekk kif jidher mill-att tat-twelid ipprezentat fl-atti. Barra min hekk fl-istess Att, fis-sezzjoni 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha huwa nghata l-isem ta' 'Teddie'.

Huwa jissottometti illi hajtu kollha juza l-isem 'Teddie' u kulhadd hekk jafu u isejjahlu inkluz tal-familja. Jghid illi anke meta iffirma ismu, jiffirma bhala 'Teddie'. L-isem Guda Taddew qatt ma uzah u hadd ma jsejjahlu b'dak l-isem.

Tant hu hekk illi ic-certifikat taz-Zwieg tal-Parrocca bejnu u bejn martu li gie ccelebrat fis- 27 ta' Awwissu tal- 1983 fil-Parrocca tal-Gharb, Ghawdex[2] ismu huwa mnizzel bhala "Teddie". L-Att taz-zwieg tieghu[3] bin-numru ta' iskrizzjoni mija u disgha u erbghin tas-sena elf disa' mija tlieta u tmenin (149/1983) jirrifletti dan kollu.

Rigward il-kunjom ir-rikorrent isostni illi huwa 'Teuma' dana kif jirrizulta mill-att tat-twelid ta' missier l-attur Clement Teuma bin-numru ta' iskrizzjoni sitta u ghoxrin tas-sena elf disgha mija tlieta u tletin (26/1933)[4]. Anke ic-certifikat tal-Maghmudija ta' Teddie Teuma gewwa l-Parrocca ta' Santa Margerita, Sannat, Ghawdex tal- 21 ta' Novembru tal-1959 juri illi il-kunjom huwa "Teuma". Kif jirrizulta wkoll mic-certifikat taz-Zwieg tal-Parrocca bejn Teddie Teuma u Mary Micallef li gie ccelebrat nhar is-27 ta' Awwissu tal-1983 fil-Parrocca tal-Gharb, Ghawdex[5].

Ir-rikorrent jghid ukoll izda li fl-att tat-twelid tieghu[6], il-kunjom "Teuma" inkiteb hazin cioe` 'Tewma' minflok kif suppost 'Teuma'. L-istess zball sar fl-att taz-zwieg tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni mija u disgha u erbghin tas-sena elf disgha mija tlieta u tmenin (149/1983)[7] meta il-kunjom inkiteb "Thewma". Ir-rikorrent jafferma illi ghalkemm dan huwa zball ortografiku madankollu qed iwassal ghal problemi fil-hajja ta' kuljum ghalih.

**Ikkunsidrat**

Rigward it-talba ghall-korrezzjoni fl-isem din it-talba qed issir ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti d-dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja

[1] A fol. 6 tal-process
[2] A fol 6a tal-process
[3] A fol 7 tal-process
[4] A fol 8 tal-process
[5] A fol 8a tal-process
[6] A fol 6 tal-process
[7] A fol 7 tal-process

għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Illi ghandu jinghad li l-Artikolu 253 (1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jippermetti, taht certi cirkostanzi, il-bdil ta' isem ta' persuna.

Mill-banda l-ohra l-korrezzjoni ta' kunjom hija aktar imprekattiva legalment ghax tista ssir biss jekk jirrizulta li kien hemm zball f'dak il-kunjom kif registrat. Fil-fatt il-Qrati Maltin fid-decizjonijiet taghhom dejjem zammew rigidi fil-kaz ta' korrezzjoni fil-kunjom. Tant hu hekk illi il-Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet illi[8] :

*"… Ghal din it-talba d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma oggezzjonax u fil-fatt inghata digriet f'dan is-sens. Din il-korrezzjoni hija ferm importanti biex dak li jitlob l-attur jista' jigi milqugh, stante illi b'dan l-Att tat-Twelid tieghu m'huwiex se jigi korrett u b'hekk kwalunkwe dritt jew pretenzjoni li ghandhom terzi persuni zgur se jkunu mharsin. Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma' certu ndividwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista' jkun komplet, u kien proprju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, il-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jigi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti nfatti qalet hekk:- "Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicato"*.

Il-konkluzzjoni illi tinstilet minn din id-decizzjoni hija ghalhekk, illi l-interess tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fi proceduri bhal dawn huwa li jipprotegi l-interess ta' terzi jew ahjar l-interess pubbliku. Logikament ghalhekk jekk mill-provi jirrizulta illi l-interess imsemmi ma jkunx ser jigi lez, ma ghandux jkun hemm oggezzjoni ghat-talba ta' rikorrent li jitlob il-korrezzjoni ta' kunjomu pero sakemm din it-talba ma tkunx qed issir b'kapricc, f'liema kaz dik it-talba ma tistax tigi akkolta.

Mill-fatti kif irrizultaw fil-kaz odjern, izda, din il-Qorti ma jidrilhiex illi it-talba tar-rikorrenti giet vantata kapriccozament, kif wara kollox indika id-Direttur intimat fir-risposta tieghu, tant illi afferma illi jidher illi il-kunjom "Teuma" huwa il-kunjom li

---

[8] John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku, Appell, 2 ta' Marzu, 1994.

jappartjeni lil familja paterna tar-rikorrent.  L-istess intimat ipprezenta dokumenti illi juru minghajr dubju illi il-kunjom kien jinkiteb "Teuma"[9].

Tenut kont ta' dan kollu, u maghdud mal-fatt illi id-Direttur intimat ma sabx oggezzjoni ghat-talba ta' korrezzjoni u rrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti, din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqaghhom.

Barra minn hekk jirriżulta mill-atti li d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta saret tant illi l-intimat Direttur irtira l-eccezzjoni sollevata minnu.

Billi ma jirrizulta ebda tort da parti tal-konvenut Direttur dan ma ghandux ibati spejjez.

**Decide.**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. **Tilqa l-ewwel talba u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-attur bin-numru ta' iskrizzjoni sitt mija, tnejn u tletin tas-sena elf disa' mija disgha u hamsin (632/1959) billi fil-hames kolonna 'Ismijiet moghtijin', isem l-attur jinbidel minn Guda Taddew, Angelo, Francis Xavier ghal Teddie, Angelo, Francis Xavier sabiex b'hekk isem u kunjom l-attur jigi jaqra Teddie Teuma;**

2. **Tilqa it-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-attur bin-numru ta' iskrizzjoni sitt mija, tnejn u tletin tas-sena elf disa' mija disgha u hamsin**

[9] L-Att tat-twelid ta' Clemenzio Teuma, missier ir-rikorrent, li juri wkoll illi misier Clemenzio Teuma, jigifieri Emmanuele kunjomu tnizzel "Teuma". Aktar minn hekk missier Emmanuele kien Carlo u kunjomu tnizzel ukoll "Teuma".

**(632/1959) billi fil-kolonna 'Isem u Kunjom Missier it-tarbija' 'Tewma' tinbidel u tigi 'Teuma' b'tali mod li jigi Clement Teuma;**

3. **Tilqa it-tielet talba u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-attur bin-numru ta' iskrizzjoni sitt mija, tnejn u tletin tas-sena elf disa' mija disgha u hamsin (632/1959) billi fil-kolonna 'Isem u Kunjom l-Omm' 'Tewma' tinbidel u tigi 'Teuma' b'tali mod li tigi Rose wife of Clement Teuma;**

4. **Tilqa ir-raba talba u tordna l-korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni mija, disgha u erbghin tas-sena elf disa' mija tlieta u tmenin (149/1983) billi fit-tieni kolonna 'Isem u Kunjom', kunjom l-attur jitranga minn Teddie Thewma ghal Teddie Teuma sabiex b'hekk isem u kunjom l-attur jigi jaqra Teddie Teuma.**

5. **Tilqa il-hames talba u tordna l-korrezzjoni fl-att taz-zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni mija, disgha u erbghin tas-sena elf disa' mija tlieta u tmenin (149/1983) billi fis-seba' kolonna 'Isem u Kunjom jekk hajjin jew mejtin' kunjom l-attur jitranga minn Clement Thewma ghal Clement Teuma sabiex b'hekk il-kunjom jigi jaqra 'Teuma';**

6. **Tilqa is-sitt talba u tordna li l-istess korrezzjoni ghandha tigi wkoll riflessa f'kull att ta' status civili mahrug fuq l-istess Teddie Teuma, u dan skont l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

7. **Tilqa is-seba` talba u tordna li l-istess korrezzjoni ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u dan ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ai termini ta' l-Artikolu 256 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur